MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 129/2009

**Executive Holidays Limited (C25349)**
**vs**
**Josef Marmara (K.I. 111374M) u**
**Romina Marmara (K.I .453476M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf ewro (€1000) rapprezentanti bilanc ta' depozitu mhux rifondibbli li suppost il-konvenuti hallsu lis-socjeta' attrici meta fit-2 ta' Gunju, 2008 il-konvenuti ghamlu *booking* mas-socjeta' attrici ghal *cruise* liema depozitu ma thallasx stante li l-konvenuti dak inhar stess tal-*booking* ghamlu *stop payment* tac-cekk ammontanti ghal-elf ewro (€1,000) minnhom mahrug favur is-socjeta' attrici ghal hlas tal-imsemmi depozitu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Gunju, 2008 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta'

dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuti fejn qalu li kif premess fil-korrispondenza bejn il-partijiet qatt ma kien konkluz ftehim jew *booking* tant li l-konvenut Josef Marmara qatt ma ffirma ebda dokument. In fatti kellu jhallas depozitu akbar fl-ammont ta’ €1,400 sabiex il-*booking* ikun effettiv.

Illi s-socjeta’ attrici bhala intermedjarja qatt ma riservat *cruise* ma Royal Caribbean Cruises u ghalhekk qatt ma setghet tippretendi li tircievi xi ammont. L-istess Royal Caribbean ikkonfermaw illi ma kien sar ebda *booking* u anke kieku kien il-kaz l-istess *cruise line* tipprovdi dritt ta’ rifuzjoni tad-depozitu.’

Illi bhala rapprezentanti ta’ Royal Caribbean, is-socjeta’ attrici hija guridikament irregolari fil-pretensjonijiet taghha li jammonta ghall-arrikkiment indebitu stante li qatt ma bbukjat jew ottjeniet konferma bil-miktub mill-konvenuti li ghalhekk ma kienu vinkolati minn ebda kundizzjonijiet.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra u sema’ x-xhieda ta’ Donna Calleja, ta’ Joseph Borg Cardona, Mario Grech, Josef Marmara u Romina Marmara.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**
Din il-kawza titratta dwar hlas ta’ elf ewro (€1000) rapprezentanti allegat depozitu mhux rifondibbli ghal *booking* ta’ *cruise* li thallas mill-konvenuti fit-2 ta’ Gunju, 2008 izda li wara li sar il-*booking* u thallas id-depozitu permezz ta’ cekk tal-Bank of Valletta numru 472, l-konvenuti ftit sieghat wara ghamlu *stop payment* tieghu.

Jirrizulta mill-provi tas-socjeta’ attrici li l-konvenut Josef Marmara kien mar fl-ufficju tas-socjeta’ attrici fit-2 ta’ Gunju, 2008 fejn wera interess fi *cruise* mar-Royal

Caribbean Cruises. Ili huwa kien diga' mar ghand xi agent iehor sabiex jindaga dwar l-*cruise* fuq il-vapur '*Indpendence of the Seas'* li kellu jsalpa minn Southampton, Ingilterra fis-26 ta' Lulju 2008. Illi l-*booking* kien sar approssimanet tmien (8) gimghat qabel it-tluq ta' l-istess *cruise.* Illi gie spjegat lill-klijent illi peress illi d-data tat-tluq tal-*cruise* kien qrib, is-socjeta' attrici kellha bzonn il-pagament kollu tal-*cruise.* Il-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jhallas l-ammont shih dak inhar u xtaq ihallas depozitu w l-bilanc jithallas wara ftit jiem. Illi l-*booking* sar ghall-erba' persuni u cioe' ghall-koppja Marmara u z-zewgt itfal taghhom. Ghalkemm is-socjeta' attrici talbitu *deposit* ta' €2000 huwa seta' biss ihallas €1000 dak inhar u s-socjeta' attrici accettaw id-deposit ta' €1000. Illi mall-hlas ta' depozitu ta' €1000, is-socjeta' attrici tat lill-klijent u cioe' lill-konvenut Josef Marmara, kopja tal-booking ID-6379700 u tariffi, l-fattura (*proforma invoice*) numru P0518 li tinkludi n-numru tal-kabina kif ukoll il-kundizzjonijiet tas-socjeta' attrici meta jsir *booking* maghhom u kopja ta' ricevuta mahruga lill-Josef Marmara tad-depozitu mhallas relatata mall-fattura numru P0518. Illi normalment meta jsir *booking* fi zmien tlett xhur tat-tluq ta' *cruise*, is-socjeta' attrici tirrikjedi pagament fl-ammont shih. Illi ghalkemm s-socjeta' attrici kienet fil-mument tal-*booking* responsabbli ghall-hlas shih tal-*cruise* finalment hija ma hallset ebda penali u l-anqas ma tilfet l-€1000 depozitu li kien hallasha l-klijent. Izda s-socjeta' attrici tghid illi hija *policy* tas-socjeta' attrici illi 'depozitu' li jigi mhallas m'huwiex rifondibbli u dan huwa miktub car fil-*proforma invoice* numerata P0518 moghtija lill-konvenut fil-hin li hallas id-depozuti ta' €1000. Illi l-ghada 3 ta' Gunju, 2008 mpjegata tas-socjeta' attrici irceviet e-*mail* mill-mara tal-konvenut fejn gie spjegat illi kien sar *double booking* min-naha taghha ghal-istess *cruise* u ghalhekk xtaqu jikkancellaw il-*booking*. Minn naha tas-socjeta' attrici huma ikkancellaw il-*booking* u rrizulta li ma nkorrew ebda penali. Illi fil-5 ta' Gunju, 2008 saru jafu mill-Bank of Valletta Plc illi kien sar *stop payment* fuq ic-cekk numru 472 mhallas minn Josef Marmara lis-socjeta' attrici fit- 2 ta' Gunju, 2008. Illi fl-*email* tal-konvenuta datata 03 ta' Gunju, 2008, s-Sinjura Marmara, hija qatt ma kienet semmiet illi kien sar *stop payment* tad-depozitu maghmul

mir-ragel taghha.  Sussegwentement saru jafu li l-koppja Marmara kienet ibbukjat l-istess *cruise* jumejn wara it-2 ta' Gunju, 2008 tramite mezz iehor.  Illi s-socjeta' attrici qatt ma accettat illi d-depozitu ta' elf ewro kellu jinghata lura lill-klijent u minflok hija offriet illi l-koppja Marmara jinghataw *credit note* ta' €1000 sabiex tista' tigi uzata mill-agenzija taghhom izda il-konvenuti ma riedux u rrifjutaw lli jergghu jhallsu l-istess ammont tad-depozitu mhallas u kkancellat minnhom fit-2 ta' Gunju, 2008.

Illi mill-provi tal-konvenuti jirrizulta li mart il-kovenut kienet ghamlet xi ricerki dwar l-istess *cruise* tramite l-*internet* u li kienet sabet l-istess *cruise* bi prezz orhos. Illi jirrizulta ukoll illi l-ispjegazzjonijiet li hija tat lis-socjeta' attrici ma kienux minnhom u uzat skuzi fantazjuzi sabiex tkun tista' tikkancella *booking* maghmul mir-ragel taghha. Mrs Marmara xehdet illi hija riedet taghmel sorpriza lir-ragel fil-waqt illi r-ragel ghamel sorpriza lilha u t-tnejn ibbukjaw l-istess *cruise* ma kumpaniji diversi. Qalet ukoll illi hija kienet hallset depozitu ghal dak il-*cruise* li hija kienet ibbukjat.  Illi t-Tribunal jirrilleva li l-konvenuti baqghu jsostnu bl-istess skuza sahansitra quddiem dan it-Triubunal sakemm fl-ahhar kellhom jammettu lli l-vera raguni kienet il-kwistjoni ta' prezz.

It-Tribunal jirrilleva mill-provi illi s-socjeta' attrci kienet ghamlet *booking* fit-2 ta' Gunju, 2008 quddiem is-Sur Marmara ghal *cruise* fuq l-'*Independence of the Seas'* li jitlaq mill-Ingilterra fis-26 ta' Lulju, 2008 ghall-familja Marmara u kien thallas depozitu ta' €1000 mill-klijent.  Illi kif appena s-socjeta' attrici rceviet l-email tal-koppja Marmara l-ghada fil-ghodu, s-socjeta'attrici hadet passi minnufih sabiex tikkancella dak il-*booking,* bir-rizultat illi s-socjeta' attrici ma nkorriet ebda penali. Illi jirrizulta car u manifest illi fil-kundizzjonijiet tal-*Proforma Invoice* P0518 moghti lis-Sur Marmara fil-mument lli huwa kien hallas depozitu ta' €1000, li fost kundizzjonijiet ohra hemm elenkat b'ittri kbar fin-nota numru hamsa (5) li '*ANY DEPOSITS PAID ARE  NON REFUNDABLE'*  u fin-nota numru *(6) 'EXECUTIVE HOLIDAYS RESERVE THE RIGHT TO CHARGE ANY RELEVANT CANCELLATION CHARGES ADDITIONAL TO ANY DEPOSITS PAID.'*  Illi

fil-kaz in ezami s-socjeta’ attrici tispecifika kjarament li qieghda zzomm id-dritt illi ticcargja lill-klijent *cancellation charges* separatament minn kwalunkwe’ depozitu mhallas. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa minnu ukoll illi ghalkemm s-socjeta’ attrici indikat illi kienet iebsa ghalihom ma jhallsux il-penalitajiet ma jemminx illi kellhom ebda problema ghaliex it-Tribunal huwa cert illi kif appena ircevew l-e*mail* tas-Sinjura Marmara huma ghamlu hilithom sabiex jikkancellaw il-*booking* minnufih jew li bhal f’kazijiet simili agenziji ghandhom jedd li jaghmlu *booking* ghal zmien qasir u jekk kemm-il darba il-*booking* ma jigix ikkonfermat entru certu zmien il-*booking* jaqa’ awtomitakiment. Illi t-Tribunal huwa konvint li fil-fatt hekk kien gara tant illi s-socjeta’ attrici qatt ma gabet prova ta’ korrispondenza mar-Royal Caribbean Cruises dwar il-kancellament. Fil-fatt, it-Tribunal jirrilleva li ma kienx hemm *cancellation charges* ghaliex in effetti s-socjeta’ attrici qatt ma kkonfermat il-*booking* wara li s-socjeta’ attrici irceviet l-emajl mill-konvenuti fejn infurmatha li kienu qieghdin jikkancellaw il-*booking.* Illi l-*booking* maghmul mis-socjeta’ attrici waqa’ wahdu u ghalhekk qatt ma kellhu jsir depozitu lill-kumpanija Royal Caribbean Cruises. Illi fin- nota numru sitta (6) tal-*proforma invoice*, ir-riferiment ghal *deposit* gja mhallsa jirriferu ghal *deposits* mhallsa lill-linja tal-*cruise*. Izda fin-nota numru hamsa is-socjeta’ attrici ghamlitha cara illi kwalunkwe’ depozitu mhallas m’huwiex rifondibbli. Illi n-noti numri hamsa (5) u sitta (6) huma separati u distinti minn xulxin u m’humiex necessarjament kollegati ghall-*bookings* ta’ *cruises*.

Lit-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti ghamlu sewwa jirricerkaw is-suq sabiex jaraw x’jaqbel finanzjarjament lilhom izda qatt ma jista’ jaqbel mall-fatt illi, sahansitra taht gurament quddiem it-Tribunal, il-koppja Marmara baqghu isostnu bit-tezi tas-sorpriza. Illi l-verita’ harget eventwalment kemm mix-xhieda dokumentali kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-konvenuti li l-vera raguni tal-kancellament kienet il-prezz eccessiv offruta mis-socjeta’ attrici komparat ma l-istima li kienet sabet il-konvenuta fuq l-*internet*. Illi l-konvenuta f’emajls mibghuta lil terzi barra minn Malta l-anqas qatt ma qalet il-verita. Illi meta il-konvenut mar jikkonferma *booking* u sahansitra hallas

depozitu, s-Sinjura Marmara kienet ghadha ma ghamlitx il-*booking* taghha. Il-*booking* tramite l-*internet* sehh jumejn wara. In oltre it-Tribunal jirreferi ghall-dokument ezebit a fol. 44 immarkat bhala JM 7 li jindika li l-*booking* min-naha tas-Sinjura Marmara effetivament sar fl-4 ta' Gunju, 2008. It-Tribunal jirrilleva li in sostenn tax-xhieda konsistentement inveritjiera minn naha tal-konvenuti, t-Tribunal jirriferi wkoll ghal dokument ezebit mill-konvenuti w mmarkat bhala Dok. JM1 a fol 35 u 36 liema emajl hija datata lill-kumpanija terza barra minn Malta ghall-in cirka id-19 ta' Gunju, 2008 fejn tirreferi ghall-cekk mhallas lis-socjeta' attrici mill-konvenuti u li sa dik il-gurnata ma kienx imsarraf mis-socjeta' attrici, meta huma kienu jafu li dak ic-cekk qatt ma seta' jissarraf mis-socjeta' attrici peress illi l-istess cekk kien sarlu *stop payment* fit-2 ta' Gunju, 2008 minnhom stess. Li mill-provi tal-konvenuti huma jsemmu biss illi s-socjeta' attrici ma kienetx inkorriet penalitajiet ghall-kancellament tal-*booking*. Izda t-Tribunal huwa tal-fehma li d-depozitu maghmul mas-socjeta' attrici ma ghandu x'jaqsam xejn mad-depozitu li jsir mas-socjeta' li topera l-*cruise*. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-*emails* mibghuta direttament lill-linja tar-Royal Caribbean Cruise mill-konvenuti sabiex jindagaw dwar jekk is-socjeta' attrici kienetx ghamlet *booking* ikkontenew elementi inveritjeri tant illi ppruvaw jizgwidaw lill-operaturi tar-Royal Caribbean Cruise meta kienu semmghu li cekk ta' depositu taghhom ma kienx gie msarraf mis-socjeta' attrici meta fil-fatt kienu jafu sewwa li huma kienu ghamlu *stop payment* tieghu.

Huwa car illi t-talba tas-socjeta' attrici hija bbazata fuq in-nota numru hamsa tal-*Proforma Invoice* P0518, liema ezistenza l-konvenuti ikkontestaw fl-eccezzjonijiet taghhom. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi meta Marmara xehed illi huwa qatt ma nghatatlu kopja taghha u l-anqas qatt ma kien ra din il-*Proforma Invoice* P0518,il-verzjoni tieghu ma kienetx veritjiera. It-Tribunal jirrilleva li fix-xhieda moghtija minnu huwa issemmiha f'*emajl* li huwa baghat fit-18 ta' Gunju, 2008 lil Jacques Botty u lil certu Irmeni (Dok DC7 a fol.25) fejn jghid illi meta huwa hallas depozitu ta' €1000, is-socjeta' attrici tatu *Proforma Invoice* P0518 li kellu jibghat bhala kopja ukoll lir-ricevitur ta' dik l-

*email*. Illi martu stess fl-emajl li bghatet lis-socjeta' attrici fejn infurmatha li kienu qieghdin jikkancellaw il-*booking* maghmul il-gurnata ta' qabel mir-ragel taghha, semmiet ukoll il-kliem *Proforma Invoice* P0518. Huwa car u manifest illi kemm il-konvenut Marmara kif ukoll il-konvenuta kienu jafu b'din il-*proforma Invoice* u bil-kundizzjonijiet mfissra maghha u ghalhekk it-Tribunal mhuwiex qieghed jemmen il-verzjoni moghtija mill-konjugi Marmara.

Illi mill-provi jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenuti kienu kkonfermaw *booking* iehor mar-Royal Caribbean Cruises ma l-istess linja ta' *cruise liners* fuq l-istess '*Independence of the Seas'* izda ghax-xahar ta' Awissu, 2008. Illi t-Tribunal m'ghandu ebda problema bil-fatt illi l-konvenuti ppruvaw isibu l-ahjar prezz fis-suq ghal-*cruise* izda ghandu problema bil-verzjonijiet konsistentement inveritjeri li taw kemm lis-socjeta' attrici, kemm lir-Royal Caribbean Cruise *operators* tramite l-*internet* u kemm quddiem dan it-Tribunal. Illi l-vertenza tal-kawza m'hijiex illi l-konvenuti ghamlu *booking* ma terzi u li kkancellaw il-*booking* mas-socjeta' attrici, izda l-vertenza hija li d-depozitu mhallas mill-kovenuti lis-socjeta' attrici mhijiex rifondibbli fil-waqt illi l-konvenuti qeghdin jghidu li qatt ma kkonkludew ftehim jew *booking* mas-socjeta' attrici. Illi in oltre, l-konvenut qatt ma ffirma ebda dokument mas-socjeta' attrici u li qatt ma nghata kopja tal-*invoice* kif giet wkoll imsemmija fl-ittra bonarja ezebita mill-konvenuti u mmarkata bhala JM5 mibghuta mill-avukat taghhom .

Illi t-Tribunal mhuwiex ha jidhol fil-mertu ta' jekk is-socjeta' attrici aggixxietx sewwa jew hazin meta ma riditx tirrifondi depozitu meta hija ma nkorriet ebda penali. Illi t-Tribunal huwa konvint illi l-imgieba skorretta tal-konvenuti, meta huma b'mod zlejali u abusiv iddecidew jaghmlu *stop payment* tac-cekk mahrug minnhom, ikkontribwixxet ghar-rifjut assolut tas-socjeta' attrici li tahfer l-ammont li kienu ftehmu li kellu jithallas mill-konvenuti bhala depozitu. Wara li sema' u evalwa l-provi, t-Tribunal l-anqas ma jidhirlu li dan huwa kaz ta' arrikkiment in debitu da parti tas-socjeta' attrici ghaliex huma dejjem offrew *credit note* fl-istess ammont.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-konvenut kellu jhallas depozitu akbar fl-ammont ta’ €1,400 sabiex il-*booking* jkun effettiv ma rrizulta mkien mill-provi. Illi t-Tribunal huwa konvint illi meta l-konvenut accetta l-prezz tal-*cruise* mis-socjeta’ attrici u ghazel li jhallas €1000 sabiex jassigura l-*booking* tieghu, l-ftehim bejn il-partijiet gie konkluz u jikkounsidra li bejgh ta’ prodott bhal ma huwa *cruise* ma jirrikjedix dokument iffirmat bejn zewg partijiet.

It-Tribunal ihoss illi l-istorja in kwantu romantika ghall-ahhar dwar is-sorpriza reciproka bejn il-konvenuti ma kienet xejn ghajr skuza sabiex jigi kancellat *booking* maghmul konxjentement mill-konvenut. Li meta l-konvenut mar jaghmel *booking* u hallas depozitu huwa jaf x’kien qieghed jaghmel u ma hassx illi kellu bzonn il-permess ta’ martu. Illi l-komportament sussegwenti fejn ic-cekk ta’ depozitu mhallas mill-konvenuti li sarlu *stop payment* ma juriex sens ta’ rgulija min-naha tal-konvenuti. Illi jirrizulta lit-Tribunal li l-konvenuti aggixxew b’mod skorrett u zlejali meta ghal raguni personali taghhom qabdu u ghamlu *stop payment*, fuq ic-cekk mahrug mill-konvenut ftit sieghat qabel. Illi hemmhekk il-konvenuti wrew nuqqas ta’ rgulija liema agir issokta bl-iskuza fazulla tas-sorpriza reciproka ghal *cruise* meta fil-fatt kien ghadu ma sar ebda *booking* min-naha ta’ mart il-konvenut u li sahansitra dan sehh jumejn wara. Il-verita’ kienet li mart il-konvenut kienet sabet opportunita’ ta’ vjagg fuq l-istess *‘Independence of the Seas’* b’valur ferm inqas . Izda dan ma jfissirx illi l-konvenuti jistghu facilment jinhallu minn obbligu kuntrattwali li l-konvenut kien dahal ghalih mas-socjeta’ attrici. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuti ma messhomx ghamlu *stop payment* ghac-cekk mahrug mill-konvenut u kellhom jirrimedjaw is-sitwazzjoni taghhom b’mod iktar korrett.

Illi hareg car mill-provi dokumentali ezebiti li l-konvenut kien inghata l-fattura bil-kundizzjonijiet miktubin cari u li mhuwiex minnu li kif qalu l-konvenuti huma qatt ma kienu nghataw kopja tal-*invoice* bil-kundizzjonijiet. Illi m’huwiex l-anqas minnu lli l-konvenuti kienu bbukjaw l-istess *cruise* ma terzi fit-2 ta’ Gunju, 2008. Illi sa dik il-gurnata ma kienu

hallsu u bbukjaw ebda *cruise* iehor u li l-*booking* irrizulta li sar fl-4 ta' Gunju, 2008, b'kundizzjonijiet ferm iktar favorevoli minn dawk moghtija mis-socjeta'attrici.

Illi huwa minnu ukoll li s-socjeta' attrici, mll-banda l-ohra, qatt ma kienet ikkonfermat *booking* mar-Royal Caribbean Cruises u ghalhekk qatt ma nkorriet penalitajiet jew *charges*. Is-socjeta' attrici, izda dehirlha li hija kellha d-dritt li zzomm id-depozitu ta' €1000 skont il-kundizzjonijiet imposta minnha fuq l-*invoice* moghtija lill-konvenut u li sahansitra kienet lesta tohrog *credit note* ta' €1000 izda dan gie rifjutat mill-konvenuti.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi wara li sema u evalwa l-provi kollha, s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha u li l-ammont ta' €1000 huwa dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici filwaqt illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma jimmeritawx akkoljiment.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jkkkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf ewro (€1000) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv fil-waqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Spejjez tal-kawza bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------